**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 08-10

**Data:** 30 ta' Awwissu 2010

**Hin:** 17.45p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Qabel l-approvazzjoni tal-Minuti, il-Kunsill ghamel minuta silenzju bhala rispett ghall-mewt tal-haddiem taghna Emmanuel Pulis li halla din id-dinja nhar il-11 ta' Awwissu 2010. Kull Kunsillier fahhar lill-haddiem ezemplari u ssemmew id-diversi kwalitajiet sbieh tieghu u l-kontribut li ta lill-lokal ghal dawn l-ahhar 6 snin.

Il-Minuti tas-seduta nru; 07.10 kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Vici Sindku s-sur Norbert Grech.

**2. Mill-Minuti:-**

2.1 Centru Civiku – Is-Sindku qal li wara diskussjoni li kellu mal-kap tal-iskola intlahaq ftehim fuq il-proposta finali u ghaddiet l-ittra tan-no objection lill-Principal tal-Kullegg Santa Margerita. Dwar l-iskema ta' accessibilita` ghall-iskola Primarja, giet ikkuntattjata l-Kap tal-iskola sabiex isiru l-arrangamenti ghad-DNO tal-MEPA.

2.2 B'referenza ghall-permess 1178/2007 ta' thaffir Triq Santu Rokku - Is-Sindku qal li kellu laqgha ma ufficjal tat-Trasport Malta, mal-Kuntrattur u ma ufficjal tal-Enemalta. Is-Sindku talab twegiba sal-lum dwar meta ser isir ir-reinstement tat-Triq. Fil-kaz li ma jkun hemm l-ebda risposta il-kuntrattur se jibda jehel il-penali relatati peress li r-reinstatement tat-triq baqa ma sarx fiz-zmien stipulat.

2.3 Mill-aggornament tal-kunsilliera s-sinjura Speranza Chircop –

a) Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera l-ohra prezenti ghall-laqgha qablu li m'hemm l-ebda gustifikazzjoni sabiex tinghalaq ghat-traffiku Triq Gianni Raimondu u Anglu Agius fil-hinijiet tal-iskola. Huwa spjega lill-kunsilliera Speranza Chircop li diga hemm problemi minhabba l-gheluq ta' Triq is-Sienja fil-hinijiet tal-iskola u li m'huwiex gustifikat li jinghalqu it-toroq imsemmija wkoll. Il-Kunsill huwa obbligat li jillimita l-gheluq tat-toroq fejn ikun hemm id-dhul ghall-iskola.

b) Il-Kunsilliera Speranza Chircop staqsiet ghalfejn gie deciz li l-hadid mad-dawra tal-bandli m'ghandux isir. Is-Sindku spjega li peress li l-area tal-bandli hija ristretta hafna mill-ispazju, ta min jikkunsidra l-possibilita li ssir xi alterazzjoni fil-bandli. Huwa qal ukoll li meta ssir din l-alterazzjoni ghandhom jigu kkonsultati il-linji gwida dwar l-istandards tal-playingfields.

Mill-aggornament tal-kunsillier is-Sur Roderick Mizzi-

c) Ghall-attivita tal-breakdance li saret nhar l-20 ta' Awwissu kien hemm attendenza tajba u l-grupp organizzattiv ser jipprova izomm din l-attivita kalendarja.

d) Ghall-problema tal-grieden fil-bajja ta' Rnella is-Sindku qal li bil-valenu biss il-problema baqghet ma ssolvietx ghalhekk meta isir ir-restawr tal-hajt ta' mad-dawra jinghalqu t-toqob fl-istess hajt biex b'hekk forsi titnaqqas il-problema.

## 3. Korrispondenza

3.1 Green Challenge Award - Is-Sindku ddiskuta mal-kunsill sabiex jippartecipa ghal dan l-award billi juza l-progett li sar mal-genb tal-Knisja u t-tisbih fil-Housing Estate ta' Rnella.

3.2 L-Inizjattiva ghall-Indafa – Is-Sindku ssuggerixxa li din l-inizjattiva issir fl-iskola Primarja tal-Kalkara. Huwa tkellem mal-Kunsilliera Maria Sultana dwar din il-possibilita peress li hija l-President tal-Kunsill Skolastiku. Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li ghandha tiddiskuti din il-possibilta mal-Kap tal-Iskola.

3.3 Il-Kunsill Lokali ircieva Environment Impact Statement ghall-kostruzzjoni ta' triq fi Triq Santu Rokku. It-triq hija gdida u taghti ghall-faccata tal-kunvent tal-Kapuccini. Is-Sindku qal li ghandha ssir laqgha mal-ufficjali ta' Transport Malta fuq dan ir-rapport.

## 4. Gemellagg

Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li kif gie diskuss fis-seduta ta' qabel id-dati taz-zjara fi Crespellano u l-Calcara fl-Italja tad-delegazzjoni tal-Kunsill tal-Kalkara. Dawn huma mis-Sibt 25 ta' Settembru sal-Erbgha 29 ta' Settembru skond kif ikkonfermat mit-Taljani.

**5. <u>Tender 4/2010 – Resurfacing of roads by public private partnership</u>**

Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li it-tender tar-resurfacing of roads by public private partnership ghalqet u ntefghet minn erbgha kumpanniji, zewg kumpanniji tefghu sejha kongunta. Dawn kienu Asfaltar flimkien ma Schembri Infrastructures, Bonnici & Sons u Polidano Bros. L-evalwazzjoni tal-prezzijiet ghandha ssir mill-Perit tal-Kunsill u wara tittiehed id-decizjoni fis-seduta tal-Kunsill li jmiss. Il-Kunsill qabel li d-decizjoni tigi kkunsidrata fuq l-orhos offerta.

**6. <u>Tender 5/2010 – Sustainable development action plan.</u>**

Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li ntefghu 2 offerti tas-sustainable development action plan. Ir-rapporti li ntefghu kienu tnejn ta' natura differenti ghalhekk ghandhom jigu evalwati mill-perit kif ukoll mill-kuntrattur tad-dawl u jithejja rapport. Fis-seduta tal-Kunsill li jmiss il-Kunsill jiddeciedi liema wahda ghandha tintghazel.

**7. <u>Protokol</u>**

Inghatat kopja tal-protokol lill-Kunsilliera kollha kif ukoll lill-ghaqdiet tal-lokal. Fil-protokol hemm stipulat li ghandu jinhatar cerimonjier sabiex jiehu hsieb jghin fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku ppropona zewg persuni sabiex jinhatru cerimonjiera. Dawn huma s-sur Lawrence Zammit u s-sur Paul Bongailas. Il-Kunsill qabel b'vot unanimu mal-proposta tas-Sindku.

**8. <u>Approvazzjoni ta' xogholijiet u nfieq</u>**

Is-Sindku semma li ghada ghandha tasal il-konsenja tal-gebel sabiex jibda jinhadem il-mafkar tal-Gwerra li ser jitpogga fil-pjazza Patist Borda. Dan ser jibda jinhadem fl-area ta' Bighi.
Il-Kunsilliera Maria Sultana ppproponiet sabiex jinzebah il-hadid tal-akwati tal-iskola Primarja Kalkara. Is-Sindku nfurmha li dan ix-xoghol ser isir fil-gimghat ta' qabel tibda l-iskola.

Giet apporvata l-lista ta' nfieq bin-numru 08/2010.

**9. <u>Aggornament</u>**

9.1 <u>Il-Kunsilliera Maria Sultana ghaddiet dawn il-punti:</u>

a) Staqsiet meta ser jinghata bit-tarmac il-gandott fi Triq Santu Rokku. Is-Sindku rrefera ghall-item 2.2 mill-minuti.
b) Fil-bajja ta' Rnella hemm xi blat bil-haxix jizloq. Is-Sindku qal li meta tkun qed issir il-manutenzjoni fil-bajja dan ikun parti mix-xoghol.
c) Jinghata certifikat f'Jum il-Premjazzjoni ta' Jum il-Kalkara lil dawk it-tfal li ghenu fil-gabra b'rizq ghall-Puttinu.

9.2 <u>Il-Kunsilliera Speranza Chircop ghaddiet dawn il-punti:</u>

a) Ser jigu organizzati korsijiet tal-crafts, hansa, egg decoration, fjuri u Aerobika.
b) Isir tarag iehor tal-hadid ghall-bajja ta' Rnella.
c) Jinkines u jitnaddaf fejn hemm il-hamrija kantuniera ma Trejqet Francesco Chircop.
d) Skip minghajr ghatu quddiem il-Klabb tar-Regatta.
e) Harga Kulturali ghall-Irgiel f'Ottubru.

Il-Laqgha giet aggornata ghall-Hamis 30 ta' Settembru 2010 fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| M.Cohen | S Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |